**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Frar 2020**

**Rikors Numru : 440/2019 JPG**
**Kawza Numru : 17**

**JM**
**U**
**FA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors konġunt ta JM u FA datat 27 ta' Settembru 2019 a fol 1 et seqq tal-proċess li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewwġu nhar it-tnejn u ghoxrin (22) t'Ottubru tas-sena elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997) (vide ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bħala Dok JF 1) u minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġ ulied u ċioe S li X u E li Y.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Robert Micallef datat tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012).*

*Illi ma hemm l-ebda manteniment jew arretrati dovuti f'dan l-istadju, la favur l-ulied u lanqas favur il-mara jew ir-raġel, stante illi l-kondizzjonijiet hekk elenkati fil-kuntratt ta' separazzjoni, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala dok JF 2 kollha qegħdin jiġu rispettati;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom iktar minn seba (7) snin mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16, tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant il-partijiet umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u tal-avviż tas-smiegħ ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawża.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B u 66 C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

**Ikkonsidrat**:

Illi JM xehdet (fol 18) hija iżżewwġet lil FA fit-22 ta' Ottubru 1997 u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal; it-tifla li għandha 19-il sena u t-tifel li għandu 9 snin. Dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fit-12 ta' Lulju 2012. Illi mid-

data ta' separazzjoni 'l hawn ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u li ma hemm ebda tama li ssir din ir-rikonċiljazzjoni. Xehdet ukoll illi ma hemmx arretrati ta' manteniment

Illi FA xehed (fol 20) u ikkonferma dak li xehdet JM.

**Ikkonsidrat**:

**Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:**

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 ta' Ottubru 1997 (ċertifikat taż-żwieġ, dok JF1 fol 4).

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Micallef, datat 12 ta' Lulju 2012 (vide dok JF 2 a fol 3 et seq tal-proċess).

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati għal aktar mill-erba' snin rikjesti mil-liġi.

Jirriżulta ukoll illi mhemmx pendenzi rigward ħlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi ġie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Għalhekk jirriżulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet, tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien xahar mill-llum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġġistrat fir-Reġistru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**